MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 824/2006

**Carmelo Costa**
**(ID 15050 M)**

**Vs**

**Charlene Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` elf u sebgha u erbghin lira, hamsa u hamsin centezmu (Lm1,047.55) rapprezentanti kwantu ghal Lm450 bhala arrettrati ta` kera tal-fond 88A, Flat 2, Marina Street, Pieta u kwantu ghal Lm497.55 bhala arrettrati ta` hlas ta` konsum ta` dawl u ilma u kwantu ghal Lm100 bhala valur ta` mobbli li l-konvenuta hadet mill-fond lilha mikri.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra

l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 11 ta` Ottubru, 2006 fejn eccepiet illi certi ammonti mitluba ma humiex dovuta fl-intier u ohrajn li ma huma dovuta xejn.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-ammonti mitluba mill-attur jipprovjenu minn kirja ta` fond li kien inkera lill-konvenuta in forza ta` skrittura privata datata 12 ta` Ottubru, 2004 a fol. 9 tal-process. Il-konvenuta tikkonferma l-imsemmija skrittura ta` lokazzjoni u kif ukoll li l-kera pagabbli kienet ta` Lm100 fix-xahar oltre l-obbligu li thallas il-kont tad-dawl u ilma. Tikkonferma wkoll li ma kinietx halset il-kont tad-dawl u ilma peress li ratu gholi partikolarment meta tqis il-fatt li mill-bidu kienet tilmenta dwar pressjoni baxxa. Tghid ukoll li l-arrettrati ta` kera kienu fl-ammont ta` Lm250 u mhux Lm400. Fil-fond in kwistjoni kienu qed jirrisjedu l-konvenuta flimkien mat-tarbija taghha u l-partner taghha. Gieli kien jigi jzurhom ukoll hu l-partner taghha pero` qatt ma raqad ghandhom.

Ma taqbilx li kienu naqqsu l-effetti mobbli ndikati fuq il-lista Dok. CC4.
Ghalkemm il-konvenuta u missierha jallegaw li hija rritornat ic-cwievet
f’Awissu mid-dokument a fol. 13 tal-process jirrizulta li dawn gew ritornati fit-23 ta` Settembru, 2005.

Illi skond il-prospett esebit a fol. 14 tal-process, l-attur isostni li ghandu jithallas is-somma ta` Lm400 bhala arrettrati ta` kera ghalkemm it-talba tieghu qieghdha fl-ammont ta` Lm450. F’dan il-prospett, l-attur jizbalja meta jghid li kien hemm 13 il-pagament dovut peress illi min 12/10/04 sa 11/10/05 hemm 12 il-pagament dovut cioe`

Lm1,200. Minn dan l-ammont il-konvenuta jidher li halset Lm850 u mhux Lm900 kif jidher fil-prospett u ghalhekk jirrizulta li kien fadal bilanc ta` kera fl-ammont ta` Lm350.

Illi dwar il-valur ta` l-effetti mobbli li allegatament nstabu nieqsa jinghad li oltre ghall-fatt li l-konvenuta kkontestat din l-allegazzjoni, l-attur naqas li jgib prova sufficjenti dwar l-ezistenza ta` tali oggetti qabel xejn fil-mument tal-bidu tal-kirja u l-valur ta` l-istess oggetti. Ghalhekk f'dan ir-rigward it-Tribunal ma jhossx li ghandha tintlaqa` t-talba ta` l-attur. Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma, jirrizulta minn ezami ta` Dok. CC5 illi fiz-zmien kemm il-konvenuta damet fil-fond in kwistjoni is-somma relattiva ghaliha kien jammonta ghal Lm518.08 pero` minn dan il-kont l-attur kien hallashom is-somma ta` Lm498.12.

Illi ghalhekk mill-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula skond id-dokumenti ezebiti mill-istess partijiet u stante li ftit li xejn hemm differenza bejn il-verzjonijiet taz-zewg nahat ghandu jirrizulta li l-konvenuta hija debitrici favur l-attur fl-ammont ta` Lm350 bhala kera u Lm498.12 bhala kera u konsum tad-dawl u ilma, b'kollox Lm848.12.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u filwaqt li jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tieghu, qed jillikwida dan id-debitu fl-ammont ta` Lm848.12 ghar-ragunijiet fuq moghtija u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta` Lm848.12, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------